IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2021
COM(2021) 6 final

2021/0002 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt EU-CTC stabbilit permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt EU-CTC[1] dwar it-tranżitu komuni ("il-Kumitat Konġunt") fir-rigward tal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li temenda l-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu[2] ("il-Konvenzjoni").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni

Il-Konvenzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-movimenti tal-merkanzija bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Hija testendi l-proċedura tat-tranżitu doganali tal-Unjoni[3] għall-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni li mhumiex l-Unjoni Ewropea u tistabbilixxi l-obbligi għan-negozjanti u l-awtoritajiet doganali rigward il-merkanzija trasportata skont din il-proċedura minn Parti Kontraenti waħda għal oħra. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

L-Unjoni Ewropea hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni. Il-Partijiet Kontraenti l-oħrajn huma r-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u r-Repubblika tat-Turkija. Il-Konvenzjoni tirreferi għal dawn il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' tranżitu komuni.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-kompitu tal-Kumitat Konġunt huwa li jamministra l-Konvenzjoni u li jiżgura li tiġi implimentata b'mod korrett. Il-Kumitat, permezz ta' deċiżjonijiet, jadotta emendi għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati bi ftehim reċiproku[4] mill-Partijiet Kontraenti kif stipulat bl-Artikolu 14(2) tal-Konvenzjoni.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Kmieni fl-2021, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, permezz ta' proċedura bil-miktub, deċiżjoni dwar l-emenda tal-Appendiċijiet I u III tal-Konvenzjoni ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jallinja l-Konvenzjoni mad-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ("KDU")[5] u l-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar il-proċedura ta' tranżitu u l-i*status* doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, kif ukoll li jintroduċi l-modifiki meħtieġa fl-appendiċijiet tal-Konvenzjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni[6] u l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni. Dawn huma kif ġej:

L-Artikolu 311 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447[7] ("l-Att ta' Implimentazzjoni"), li jistabbilixxi t-talba għat-trasferiment tal-irkupru tad-dejn

---

1 Il-Pajjiżi ta' tranżitu komuni

2 ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2

3 L-Artikoli 226 u 227 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)

4 Ma saret l-ebda oġġezzjoni minn xi Parti Kontraenti.

5 Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1

6 ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7

7 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru

doganali, ġie emendat f'Settembru 2019[8]. L-emenda tistabbilixxi r-regoli għat-talba għal trasferiment tal-irkupru meta l-awtorità doganali ta' pajjiż involut f'operazzjoni ta' tranżitu tikseb evidenza li l-avvenimenti li wasslu għad-dejn ikunu ġraw fit-territorju tagħha. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li din l-awtorità titlob lill-pajjiż tat-tluq biex jittrasferilha r-responsabbiltà li tibda l-irkupru. Jenħtieġ li fi żmien ċertu perjodu l-pajjiż tat-tluq jikkonferma jekk jittrasferix il-kompetenza biex jinbeda l-irkupru lill-awtorità doganali li tagħmel it-talba. Għalhekk, l-Artikolu 50 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, li jirreplika l-Artikolu 311 tal-Att ta' Implimentazzjoni, jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

L-Anness 72-04 tal-Att ta' Implimentazzjoni, li jiddeskrivi l-proċedura tal-kontinwità tal-operat għat-tranżitu tal-Unjoni ġie emendat u applikat b'seħħ mit-30 ta' Ġunju 2020[9]. Sabiex ikun hemm aktar flessibbiltà fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat fi tranżitu u biex jitnaqqsu l-formalitajiet u l-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet doganali, ġiet prorogata l-validità taċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva u taċ-ċertifikati ta' eżenzjoni mill-garanzija f'forma kartaċja. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu emendati l-Artikolu 79 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni u l-Punt 19.3, il-Kapitolu III, l-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, li jirreplika l-punt 19.3, il-Kapitolu III, il-Parti I, l-Anness 72-04 tal-Att ta' Implimentazzjoni.

Meta l-KDU ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit se jaderixxi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti separata[10] u se japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq anness mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[11]. Il-Konvenzjoni tinkludi referenzi għall-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi ta' tranżitu komuni u l-kodiċijiet tal-pajjiżi rispettivi. Għalhekk hemm bżonn li jsiru modifiki xierqa fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni biex issir id-distinzjoni tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u jiġi indikat li l-KDU, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' garanzija, japplika fl-Irlanda ta' Fuq.

Il-pożizzjoni tal-UE dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tirrigwarda l-emendi ulterjuri għall-Konvenzjoni hija bbażata fuq ir-regoli tal-UE li kienu diġà maqbula mill-Kunsill (b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni). Il-kontenut relatat mal-applikazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa konformi ma' dak il-Protokoll.

L-att previst se jsir vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni, li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tiegħu fil-jum tal-adozzjoni tiegħu.

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-validità taċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva u taċ-ċertifikati ta' eżenzjoni mill-garanzija f'forma kartaċja jenħtieġ li japplikaw b'mod retroattiv mit-30 ta' Ġunju 2020. Jenħtieġ li jingħataw kundizzjonijiet indaqs lill-garanti skont id-dritt

---

952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558)

[8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1394 tal-10 ta' Settembru 2019 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar sorveljanza għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni (ĠU L 234, 11.9.2019, p. 1)

[9] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/893 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 206, 30.06.2020, p. 8)

[10] Id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kumitat Konġunt UE-CTC tal-4 ta' Diċembru 2018 fir-rigward ta' stedina lir-Renju Unit biex jaderixxi mal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu [2018/1987] (ĠU L 317, 14.12.2018, p. 47)

[11] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 102

tal-Unjoni u l-Konvenzjoni. Il-perjodu ta' validità prorogat taċ-ċertifikati diġà ilu fis-seħħ mit-30 ta' Ġunju 2020 fil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq se japplikaw mill-mument li fih il-KDU ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq fejn il-KDU se jkompli japplika wara dik id-data, u r-Renju Unit jaderixxi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti separata.

Skont l-Artikolu 15(3) tal-Konvenzjoni, il-Partijiet Kontraenti jridu jdaħħlu fis-seħħ id-deċiżjonijiet li jemendaw il-Konvenzjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħhom stess.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni hija li l-Appendiċijiet I u III tal-Konvenzjoni jiġu emendati sabiex jiġu allinjati ma' dan li ġej:

- il-liġi doganali tal-Unjoni li tirregola l-arranġamenti ta' tranżitu tal-Unjoni u, b'mod partikolari, l-Artikolu 311 emendat tal-Att ta' Implimentazzjoni, li jistabbilixxi t-talba għat-trasferiment tal-irkupru tad-dejn doganali u l-Anness 72-04 tal-Att ta' Implimentazzjoni, fir-rigward tal-validità taċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva u taċ-ċertifikati ta' eżenzjoni mill-garanzija f'forma kartaċja użati fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat;

- l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u, b'mod partikolari, biex issir id-distinzjoni tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq fejn applikabbli.

Il-pożizzjoni proposta hija konsistenti mal-politika kummerċjali komuni.

Billi jiżguraw l-allinjament sħiħ tal-Konvenzjoni mal-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni u, għalhekk, jinħolqu kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u dwar il-proċedura komuni ta' tranżitu, l-emendi proposti għall-Konvenzjoni jirriżultaw f'benefiċċji sostanzjali u tanġibbli kemm għan-negozjanti kif ukoll għall-amministrazzjonijiet doganali.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

L-Artikolu 15(3) tal-Konvenzjoni jistipula li l-Kumitat Konġunt EU-CTC jadotta permezz ta' deċiżjonijiet, l-emendi għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu.

Id-deċiżjoni li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta tikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 15(3) u 20 tal-Konvenzjoni.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tagħhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-objettiv li jiġu ggarantiti proċeduri ta' qsim transfruntier għall-merkanzija. L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma għaldaqstant relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Konvenzjoni u l-Appendiċijiet tagħha, huwa xieraq li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

2021/0002 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt EU-CTC stabbilit permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu[12] ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Iżvezja u l-Konfederazzjoni Żvizzera fl-20 ta' Mejju 1987 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

(2) Skont l-Artikolu 15(3)(a) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-istess Konvenzjoni jista' jadotta emendi għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni, permezz ta' deċiżjonijiet.

(3) Kmieni fl-2021, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni dwar l-emenda tal-Appendiċijiet I u III tal-Konvenzjoni.

(4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni dwar l-emenda tal-Appendiċijiet I u III tal-Konvenzjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(5) L-Artikolu 311 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447[13] ("l-Att ta' Implimentazzjoni"), li jistabbilixxi t-talba għat-trasferiment tal-irkupru tad-dejn doganali ġie emendat[14]. Skont il-paragrafi (3) u (4) l-ġodda meta l-awtorità doganali ta' pajjiż involut f'operazzjoni ta' tranżitu tikseb evidenza li l-avvenimenti li wasslu għad-dejn ikunu ġraw fit-territorju tagħha, jenħtieġ li din l-awtorità titlob lill-pajjiż tat-tluq biex jittrasferilha r-responsabbiltà li tibda l-irkupru. Jenħtieġ li fi żmien ċertu perjodu l-pajjiż tat-tluq jikkonferma jekk jittrasferix il-kompetenza biex jinbeda l-irkupru lill-awtorità doganali li tagħmel it-talba. Għalhekk,

---

12 ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2.

13 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

14 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1394 tal-10 ta' Settembru 2019 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar sorveljanza għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni (ĠU L 234, 11.9.2019, p. 1)

jenħtieġ li l-Artikolu 50 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, li jirreplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 311 tal-Att ta' Implimentazzjoni, jiġi emendat skont dan.

(6) L-Anness 72-04 tal-Att ta' Implimentazzjoni, li jiddeskrivi l-proċedura tal-kontinwità tal-operat għat-tranżitu tal-Unjoni ġie emendat[15]. Sabiex ikun hemm aktar flessibbiltà fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat fi tranżitu u biex jitnaqqsu l-formalitajiet u l-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet doganali, ġiet prorogata l-validità taċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva u taċ-ċertifikati ta' eżenzjoni mill-garanzija f'forma kartaċja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 79 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni u l-Punt 19.3, il-Kapitolu III, l-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, li jirreplika l-punt 19.3, il-Kapitolu III, il-Parti I, l-Anness 72-04 tal-Att ta' Implimentazzjoni, jiġu emendati skont dan.

(7) Meta l-KDU ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit se jaderixxi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti separata[16] u se japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[17]. Il-Konvenzjoni tinkludi referenzi għall-ismijiet tal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi ta' tranżitu komuni u l-kodiċijiet tal-pajjiżi rispettivi. Għalhekk hemm bżonn li jsiru modifiki xierqa fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni biex jiġi indikat li r-Renju Unit huwa pajjiż ta' tranżitu komuni u li l-KDU, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-garanzija, japplika fl-Irlanda ta' Fuq.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fit-33 laqgħa jew f'laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Konġunt jew permezz ta' proċedura bil-miktub fir-rigward tal-emendi għall-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintlaħaq qbil dwar modifiki żgħar fl-abbozzi tad-deċiżjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt mingħajr Deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

---

15 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/893 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, (ĠU L 206, 30.06.2020, p. 8)

16 Id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kumitat Konġunt UE-CTC tal-4 ta' Diċembru 2018 fir-rigward ta' stedina lir-Renju Unit biex jaderixxi mal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu [2018/1987] (ĠU L 317, 14.12.2018, p. 47)

17 ĠU L 29, 31.1.2020, p. 102